MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Numru 45/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charlie Andrew Cordina**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost minn Charlie Andrew Cordina, minn sentenza moghtija fid-29 ta’ Jannar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, li permezz taghha huwa gie mmultat hames mitt Euro (€500), kif ukoll ikkundannat ihallas lil Maria Scicluna s-somma ta’ disa’ mija u tlieta w hamsin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€953.88).

**2.** Permezz ta’ att ta’ citazzjoni prezentat f’April tal-2007, Charlie Andrew Cordina, bin Alfred u M’Jane nee Pace, imwieled fl-1 ta’ Marzu 1971 u detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 160087M, gie akkuzat talli huwa naqas li jhallas lill-ex-impjegata tieghu Maria Scicluna fi tmiem l-

impieg taghha s-somma ta' Lm409.50c ghall-periodu ta' qabel il-21 ta' Mejju 2006; dik il-qorti kienet mitluba li, f'kaz ta' htija, tordna lill-imsemmi Cordina jhallas l-ammont imsemmi lill-imsemmija Maria Scicluna.

**3.** Wara diversi differimenti – hafna minnhom dovuti ghan-nuqqas ta' dehra tal-imputat minkejja li kien ikun debitament notifikat – il-Qorti Inferjuri fid-29 ta' Jannar din is-sena tat is-sentenza taghha. Wara li osservat li hija ma kienitx qed temmen il-versjoni tal-fatti moghtija mill-imputat (illum appellant) u cioe` li huwa qatt ma qabbad lil Maria Scicluna toqghodlu *baby sitter* mat-tarbija tieghu u tas-siehba tieghu, u minflok accettat il-versjoni tal-istess Scicluna, dik il-qorti sabet lill-imsemmi Cordina hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u kkundanntu kif inghad fil-paragrafu nru **1**, *supra*.

**4.** Wara li huwa talab u kiseb is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza skond il-ligi, Charlie Andrew Cordina appella minn din is-sentenza permezz ta' rikors intavolat fis-17 ta' Frar 2009. Huwa ghandu, bazikament, zewg aggravji. L-ewwel aggravju tieghu hu li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti. Huwa jikkontendi li qatt ma qabbad lil Scicluna taghmilha ta' *baby sitter*, u li jekk hija ghamlet dan ix-xoghol dan ghamlitu ghax kienet qabbditha s-siehba tieghu u mhux hu. L-appellant ighid ukoll li peress li Scicluna kienet impjegata mas-socjeta` Andreluna Ltd (li taghha huwa direttur) u peress li *baby sitting* ma kienx fost id-doveri taghha bhala impjegata mal-imsemmija socjeta` kummercjali, l-attivita` "extra" li talvolta hija setghet ghamlet kellha tigi "registrata" separatament u thallas il-VAT hija fuqha, u li ghalhekk il-qorti "m'ghandhiex tikkondona l-agir illegali taghha". It-tieni aggravju hu fis-sens li galadarba Scicluna ghamlet ilment ossia rapport wiehed mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi fi hdan il-Ministeru ghal Ghawdex, ma setghux jinhargu zewg citazzjonijiet differenti – kif effettivament hargu – u cioe` wahda li tifforma l-meritu ta' dana l-appell u ohra (meritu tal-appell nru 46/09) ghall-hlas ta' *bonus*, *vacation leave* u *allowance*. Skond l-appellant il-"fatt" meritu ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet huwa l-istess u, per konsegwenza,

hemm id-divjet tal-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali u cioe` tan-*ne bis in idem*.

**5.** Din il-Qorti, wara li semghet il-provi kollha, zammet anke konfront bejn l-appellant – li ghazel li jixhed – u Maria Scicluna, u ezaminat id-dokumenti prodotti, hi tal-fehma li z-zewg aggravji aktar ‘l fuq imsemmija huma infondati. Bhall-ewwel qorti, din il-Qorti hi sodisfatta li kien l-appellant li kien qabbad lil Scicluna biex, meta ma kienitx tkun xoghol bhala *waitress* fil-*Café* fejn kienet tahdem, tiehu hsieb it-tarbija li huwa kellu mis-siehba tieghu Claire Borg. Ta’ dan ix-xoghol hija kienet tithallas *over and above* ix-xoghol taghha bhala impjegata ma’ Andreluna Ltd. Kien proprju ghalhekk li meta d-Dipartiment koncernat gie biex jipprocedi kontra l-appellant, inhargu zewg citazzjonijiet – wahda (dik li tirrigwarda dana l-appell) ghal dak li kien dovut ghall-*baby sitting*, u ohra ghall-*bonus*, *vacation leave* ecc li kienu marbuta mal-impjieg principali tal-istess Scicluna. F’dana kollu din il-Qorti ma tirravviza xejn li b’xi mod jikkozza ma’ dak li jipprovdi l-Artikolu 527 tal-Kap. 9 aktar ‘l fuq imsemmi. Anke l-fatt li jista’ jaghti l-kaz li, fir-rigward ta’ xi ammonti li kienet thallset ghal xi zmien ghall-*baby sitting* l-imsemmija Scicluna, ma kienitx thallset VAT (jekk tali VAT kienet dovuta), jew ma kienitx tnaqqset il-bolla, dan il-fatt *per se* ma jistax ikun ta’ ostakolu ghas-sejbien ta’ htija fil-konfront tal-appellant. Wara kollox Scicluna kienet mohha mistrieh, ossia minghaliha, li l-appellant kien qed jiehu hsieb kollox ghal dak li hu mili ta’ dokumenti konnessi mal-hlas ta’ taxxa ecc. Kif gustament osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, kien id-dmir tal-imputat illi jirregistra dana l-impieg (cioe` l-impieg addizjonali ta’ *baby sitter*) mal-awtoritajiet koncernati, u l-parti leza (Scicluna) ma kellhiex tbati minhabba dana n-nuqqas tieghu.

**6.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------